# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Gunju, 2001

**Numru: 25**
**Citaz. numru : 844/01/RCP**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta konvenuta;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-imsemmija somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

Illi dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali, u bl-ispejes, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 6 ta' April 2001, u tal-mandati ta' qbid u ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subijzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti fejn giet ordnata l-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedoti fic-citazzjoni b’dan illi:

1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM2,185.72);

Bl-interessi legali, u bl-ispejes, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 6 ta' April 2001, u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Gunju, 2001**